Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,757, 24 ta' Diċembru, 2021
Taqsima B

A.L. 498 tal-2021

ATT DWAR L-AĠENTI TAL-PROPRJETÀ IMMOBBLI U TAS-SENSARA U KONSULENTI TAL-PROPRJETÀ (KAP. 615)

Regolamenti tal-2021 dwar id-Determinazzjoni tal-Applikazzjonijiet tal-Liċenzji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 14(1) tal-Att dwar l-Aġenti tal-Proprjetà Immobbli u tas-Sensara u Konsulenti tal-Proprjetà, il-Ministru jew is-Segretarju Parlamentari responsabbli għas-suq tal-proprjetà għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar id-Determinazzjoni tal-Applikazzjonijiet tal-Liċenzji.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:-

Kap. 615.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Aġenti tal-Proprjetà Immobbli u tas-Sensara u Konsulenti tal-Proprjetà;

"Bord" tfisser il-Bord tal-Ħruġ ta' Liċenzji stabbilit taħt it-Taqsima V tal-Att;

"liċenzja" tfisser liċenzja maħruġa mill-Bord biex tiġi eżerċitata l-attività ta' sensar tal-proprjetà, jew ta' aġent tal-proprjetà immobbli jew biex wieħed jaġixxi bħala maniġer ta' fergħa jew konsulent tal-proprjetà.

Kontinwazzjoni fl-eżerċizzju tas-sengħa jew tal-professjoni fil-proprjetà immobbli sal-ipproċessar tal-applikazzjoni.

3. Kwalunkwe persuna li teżerċita s-sengħa jew il-professjoni tagħha fil-proprjetà immobbli u li għaliha japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Att, li ppreżentat applikazzjoni għal liċenzja fil-forma kompluta tagħha lill-Bord sal-31 ta' Diċembru 2021, ma għandhiex tinżamm milli tkompli teżerċita s-sengħa jew il-professjoni tagħha matul il-perjodu li fih l-applikazzjoni tagħha qiegħda tiġi proċessata u determinata, sakemm il-Bord ma jordnax mod ieħor meta ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu.